MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 10 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 173/1997/1

Sylvia Camilleri
vs
Direttur tal-Edukazzjoni u b'digriet tad-29 ta' April 1998 gie kjamat fir-rikors id-Direttur tal-Libreriji Pubblici u Arkivji

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet;

1. Illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fis-sena 1992 ir-rikorrenti sofriet ingustizzja billi ma gietx moghtija l-promozzjoni li kien jisthoqqilha;

2. Illi l-fatti kienu brevement is-segwenti:-

a) Illi wara xi zmien fid-Dejma r-rikorrenti dahlet fl-impieg tal-Gvern bhala Grade A u precizament fit-23 ta' April 1987;

b) Giet assenjata xoghol klerikali u ta’ ricerka fil-Malti fil-Librerija Pubblika u fl-iskola Primarja tal-Imsida;

c) Ir-rikorrenti dejjem qdiet dmirha kif suppost kif jixhdu r-rakkomandazzjonijiet u c-certifikati li ottjeniet u li gew mehmuza;

d) F’Gunju 1992 ir-rikorrenti applikat ghall-post ta’ Library Attendant mad-Dipartiment tal-Libreriji Pubblici u dan in konformita` ma’ Cirkolari tal-O.P.M. Numru 67/92. Ciononostante li applikat u attendiet ghall-interview hi thalliet barra u anzi gew approvati nies b’anqas kwalifiki, servizz u esperjenza minn dawk tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha x-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet sabiex dana it-Tribunal jisma’ u jiddecidi dwar l-ilment taghha fit-termini tal-Att VIII tal-1997 u li jipprovdilha r-rimedju opportun billi jigi ordnat li tinghata l-promozzjoni li jisthoqqilha flimkien mas-seniority li tilfet jew alternattivament, jekk dan ir-rimedju ma jkunx possibbli li jinghata lilha, li jigi ordnat li jithallas lilha kumpens sal-massimu stabbilit fil-ligi.
Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Agent Direttur ta’ l-Edukazzjoni li eccepixxa:

Illi l-intimat mhux il-legittimu kontradittur ghar-ragunijiet segwenti;

Illi r-rikorrent ma kenitx impjegata tad-Divizjoni ta’ l-Edukazzjoni fiz-zmien imsemmi fir-rikors;

Illi d-Dipartiment tal-Libreriji huwa effettivament dipartiment ghalih u ma jaqax taht id-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni;

Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet li rreferiet ghaliha r-rikorrent harget mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-applikazzjonijiet gew milqugha mill-Librar, Librerija Nazzjonali, Valletta u mhux mid-Direttur ta’ l-Edukazzjoni; (Dokument A)

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, la s-sejha saret mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din ghandha tigi kjamata fil-kawza sakemm dan huwa possibbli taht l-Att VIII ta’ l-1997 (Art 5(3)(b)).

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ghadu jirrespingi t-talbiet tar-rikorrent vis a vis l-intimat li bl-ebda mod m’huwa responsabbli ghall-proceduri li saru.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat flimkien mad-dokument.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti ipprezentat affidavit fejn ikkonfermat il-fatti msemmija fir-rikors. Dahlet fl-impieg mal-Gvern “whole time” fit-23 ta’ April 1987 u mill-ewwel giet “posted” il-Librerija Pubblika l-Floriana bhala “skrivana”. Nofs ta’ nhar fil-gimgha kienet taghmel xoghol ta’ “sub-librarian” fi skola pubblika. Fl-1992 harget Cirkolari OPM/E/40/89 ghall-posts ta’ Library Attendant (Group C). Applikat u resqet ghall-interview quddiem Bord ta’ erba minn nies. Pero’ meta hareg ir-rizultat ma ntghazlitx.

Ghall-interview resqu impjegati li dahlu warajha u ma kienux jaghmlu l-istess xoghol li taghmel hi; Phyllis Vassallo li kienet caretaker il-Bibljoteka nazzjonali, Pauline Borg li kienet caretaker l-Education, Marika Aquilina li x’aktarx kienet caretaker fi skola, Doreen

Zammit li kienet impjegata fid-Dejma u Adelina Attard. Dawn kollha gew promossi ghall-Library Attendants. Ghalhekk sostniet li dawn il-promozzjonijiet kienu diga` mfassla u mahsuba minn qabel.

Wara dan assenjawlha xoghol mhux sodisfacenti. Ilmentat dwar meta ma gietx maghzula fuq ix-xoghol ta' computerisation liema xoghol qabel kienet taghmlu hi.

Xehed Joseph Debattista Senior Principal Officer in charge Public Libraries u Arkivji Nazzjonali u li ilu f`din il-kariga mill-1987. Hu qal li meta r-rikorrenti giet trasferita ghall-librerija ma kienx hu fil-librerija izda kien hemm haddiehor. Ha 'over' f`xi 1994 bhala tal-librerija fis-sens li meta kien lehaq Principal ma kienx ghall-ewwel in charge mil-librerija. Lir-rikorrenti jafha, kienet tahdem il-librerija tal-Furjana.

Ix-xoghol li kienet taghmel ir-rikorrenti kien xoghol ta` katalogar u militensia, fis-sens riferenza fil-militensia. Dan ix-xoghol normalment isir minn Library Assistant jew Attendant. Kienet harget cirkolari ghall-applikazzjonijiet ghal Library Attendants. Ir-rikorrenti applikat izda ma ntaghazlitx. Hu kien wiehed mill-membri tal-bord li ghamel l-ghazla fejn kienu tlieta. Kien hemm ukoll Alex Vella li kien mill-MPO u Charles Mangion mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u Human Resources li kien ic-chairman tal-bord.

Kienu marbutin b`numru ta' kemm-il post kellu jimtela. Dan kien jikkonsisti f`interview biss. Esebixxa lista ta` dawk kollha li applikaw. Kien hemm min ma kienx eligibbli u min kien 'absent' ghall-interview u ghalhekk ovvjament ma nghatax marki. Taw marki ghal education standard 30 marka, knowledge of Government Department 20 marka, reliability 20 marka, personality u smartness 30 marka. Passmark kienet 50%. Lil Sylvia Camilleri m`ghamlulhiex l-interview, ghajtulha biss biex jivverifikaw ic-certifikati u affarijiet ohra. Kienu sabuha mhux eligibbli. Fost affarijiet ohra hemm per ezempju li bniedem irid ikollu biex japplika li ghamel sa Form 3 tas-sekondarja u allura kienu baghtu ghan-nies biex jivverifikaw jekk dawn ghandhomx il-Form

3 fis-sekondarja. Kien irrizulta li ma kellhiex certifikat. Saru Library Assistant Antonio Camilleri, Adelina Attard, Mariella Grima, Doreen Zammit, Phyllis Vassallo, Brian Briffa u Pauline Borg. Dawn huma dawk li mill-order of merit huma mit-2 sat-8. Kien hemm ezami iehor fejn saru xi nies ohra ukoll in segwitu. Dawn li ntaghzlu whud minnhom kienu fattigi fl-iskola. Il-call kien mahrug ghad-Dipartimenti tal-Gvern kollha li kienu fi group A. Barra r-rikorrenti kien hemm tnejn ohra li ma gewx accettati minhabba nuqqas ta` qualifications ta` Form 3 u dawn kienu Mr Lawrence Azzoppardi u Mr Carmel Mercieca.

Inoltre Joseph Debattista esebixxa skeda li turi l-applikanti l-ohra, x'livell ta' skola u x'kwalifiki kellhom. Minn dan id-dokument irrizulta li:

Adelina Attard kellha skola sekondarja sa Form 5;
Borg Pauline skola sekondarja sa Form 5;
Briffa Brian sa Form 5 oltre li ghandu xi certifikati 'O' Levels u Matrikola;
Camilleri Antonio diversi certifikati ta' 'O' Levels oltre Matrikola f'diversi suggetti;
Grima Mariella 'O' Levels f'diversi suggetti u skola sa Form 5;
Vassallo Phyllis skola sekondarja sa Form 4; u
Zammit Doreen skola sa Form 5.

<u>Joseph Boffa</u> li bejn l-1973 u l-1993 kellu l-kariga ta` Officer in Charge mill-librerija ta` Belt is-Sebh xehed li jaf lir-rikorrenti. Kienet wahda minn tad-Dejma li gew fl-1987. Hi kienet taghmel xoghol klerikali. Kienu jikkatalogaw il-kotba fis-sens li jaghmlu d-deskrizzjoni tal-ktieb. Fil-kaz taghha partikolari kienet tiehu hsieb il-militensia. Hi kienet responsabbli l-ewwel mill-branch tal-Imqabba u mbaghad mill-Branch tal-Msida. Kienet tmur erbgha sieghat fil-gimgha f`dawn il-branches, apparti x-xoghol ta` kuljum li hi kienet taghmel Belt is-Sebh. Semma li hu kien isib ix-xoghol taghha tajjeb hafna u qatt ma kellu xi kwistjoni maghha.

Semma li lir-rikorrenti qalulha li ma kenitx kwalifikata ghax ma kellhiex skola sekondarja. Zied jghid: "Issa l-

kundizzjonijiet tal-application ktibthom jien. Ktibthom jien naf li certi nies fi zmien, Silvia mhix zghira llum, naf li ma kienx hemm skola sekondarja allura jiena ccekkjajt mal-Education u qaluli min kellu sa Standard 6 tal-Primarja huwa ekwivalenti ghal dak li konna ktibna ahna fl-application biex jistghu japplikaw dawn in-nies kollha. Fil-fatt saru haddiema ohra li kienu ghamlu l-primarja biss bhal Silvia u dawn saru u hi ma saritx.
Kien hemm min ghamel il-primarja biss u kien sar. Dan nista` nghidu ghax kont rajt ir-rizultati pubblikati. Uhud minn nies li saru kienu caretakers fl-iskola, anqas kienu fil-librerija jigifieri ghax meta saru l-applications imbaghad japplikaw tal-Gvern kollha u certu postijiet ittiehdu minn nies li qatt ma kienu dahlu fl-librerija qabel. Dwar Marika Aquilina nghid li din kellha skola primarja biss u kienet caretaker fi skola…"

Charles Mangion llum irtirat u qabel kien Education Officer fil-Ministeru tal-Edukazzjoni semma li kien ic-chairman tal-bord li kellu x`jaqsam ma' l-interview ghal Library Attendant. Il-Libreriji kienu jaqghu taht il-Ministru tal-Edukazzjoni. Fil-fatt kienu applikaw 29 u ma kienx hemm numru definit ta` kemm ghandhom jidhlu. Cahad li kien hemm min kellu livell ta` skola primarja biss u lahquh.

Dwar Marika Aquilina li inghad li kellha biss skola primarja u li kienet caretaker fi skola qal li Aquilina anqas biss kienet wahda mill-applikanti li ghamlet l-interview. Esebixxa kopja fotostatika tal-marki li gew allokati inkluz l-order of merit tal-applikanti minn fejn jirrizulta li Marika Aquilina mhix wahda minnhom. Dwar Pauline Borg qal li dina fil-fatt kienet secondary school up to Form 5, spiccat il-Form 5.

Eskluda li Standard 6 tal-Primarja jista` jitqies ta` livell sekondarju.

Philip Borg Direttur tal-Libreriji u Arkivji xehed li Marika Aquilina hadet il-post ta` Library Attendant fit-18 ta` Marzu 1991. Ma kenitx applikat fl-istess zmien tar-rikorrenti. Infatti kienet wahda mill-applikazzjonijiet precedenti. Fil-fatt dina kienet ghamlet sal-hames sena sekondarja u

esebixxa dokument li minnu jirrizulta dan. L-applikazzjoni ta` qabel kienet tezigi li jkollok sat-tielet sena sekondarja u ghalhekk din setghet tapplika.

Semma li Pauline Borg kienet fl-istess zmien bhar-rikorrenti u cioe` fl-1992. Hadet l-appointment fid-29 ta` Novembru, 1993 wara s-sejha tal-67/92. Din kienet kompliet il-hames sena tal-livell sekondarju, u esebixxa kopja ta dan id-dokument.

Phyllis Vassallo kienet applikat fl-istess wahda tal-1992 mar-rikorrenti. L-appointment haditu fl-4 ta` Gunju, 1993. Din l-istess spiccat skola sekondarja l-hames sena, u esebixxa d-dokument relevanti.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li l-ilment tar-rikorrenti hu bbazat fuq il-fatt illi hi kienet taghmel xoghol fil-librerija, applikat ghall-kariga ta’ Library Attendant mad-Dipartiment tal-Libreriji Pubblici in segwitu tac-cirkolari 67/92. L-ilment taghha huwa bbazat fuq il-fatt li ghalkemm applikat hi ma gietx moghtija l-kariga. Il-kawza giet originarjament istitwita kontra d-Direttur ta’ l-Edukazzjoni ghalkemm sussegwentement kienet saret talba ghall-kjamat in kawza biex jidhol fil-kawza d-Direttur tal-Libreriji Pubblici u Arkivji. Id-Direttur ta’ l-Edukazzjoni kien eccepixxa li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur minhabba l-fatt illi r-rikorrenti ma kenitx impjegata tad-Divizjoni ta’ l-Edukazzjoni, ghax id-Dipartiment tal-Libreriji huwa effettivament dipartiment ghalih u ma jaqax taht id-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. Is-sejha ghall-applikazzjonijiet kienet harget mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-applikazzjonijiet gew milquha mil-Librar, Librerija Nazzjonali, l-Belt Valletta u mhux mid-Direttur ta’ l-Edukazzjoni.

Wara li t-Tribunal osserva l-eccezzjoni in kwistjoni u wara li ra li ma sarux provi min-naha tar-rikorrenti dwar dan l-aspett u wara li ra l-Artikolu 181B tal-Kap 12, li jghid li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, johrog car illi d-Direttur ta’ l-Edukazzjoni ma kellu xejn x’jaqsam mal-kaz imsemmi.

Ghalhekk it-Tribunal qieghed jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-fatt intalbet il-kjamata in kawza tad-Direttur tal-Libreriji Pubblici u Arkivji u dan fil-fatt baqa' kontumaci izda fil-kontumacja xorta wahda jridu jsiru l-provi u ghalhekk it-Tribunal xorta wahda hu obbligat li jivverifika jekk l-ilment tar-rikorrenti hux gustifikat jew le.

Irrizulta li l-ostaklu principali ghal biex ir-rikorrenti riedet tiehu l-promozzjoni li kienet applikat ghaliha kienet il-fatt illi skond kif jirrizulta mill-process stess a fol 16 tieghu fil-paragrafu 4 ta' l-imsemmija cirkolari li jghid: "Applicants should have a secondary education at least up to Form III…" u effettivament jirrizulta li r-rikorrenti ma kellhiex din il-kwalifika u ghalhekk giet konsidrata mhux elegibbli biex tapplika. Ir-rikorrenti sostniet li fil-fatt kien hemm persuni ohra illi kellhom kwalifiki inqas minnha u saru izda meta wiehed jezamina d-depozizzjonijiet fuq imsemmija jirrizulta li dan mhux minnu. Irrizulta in fatti li r-rikorrenti kienet tahdem minn qabel fil-librerija u in fatti Joseph Debattista semma li x-xoghol li kienet taghmel ir-rikorrenti kien xoghol ta' katalogar u militensia fis-sens tar-riferenza fil-militensia. Dan kien xoghol li normalment kien isir minn Library Assistant jew Attandant u dan ifisser li effettivament ir-rikorrenti ghalkemm kif isemma aktar 'il fuq ma kelliex il-kwalifika akkademika necessarja a tenur tac-cirkolari fil-fatt kienet taghmel ix-xoghol li hi applikat ghalih. Meta xehed Joseph Boffa dan semma illi peress illi r-rikorrenti kellha eta' pjuttost avvanzata, hu kien iccekkja mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u kienu qalulu li minn kellu sa Standard 6 tal-Primarja huwa ekwivalenti ghal dak li kienu kitbu fl-applikazzjoni biex ikunu jistghu japplikaw dawn in-nies kollha. Hu semma li fil-fatt saru haddiema ohra li kienu ghamlu l-primarja biss bhar-rikorrenti. Izda x-xhieda l-ohrajn, xehdu l-oppost ta' dan u fil-fatt it-Tribunal ma sabx prova illi effettivament kien hemm minn lahaq u ma kellux l-Form 3 kif fil-fatt ma kelliex ir-rikorrenti. Dan iwassal ghal fatt illi r-rikorrenti ma kienetx elegibbli u ghalhekk l-ilment taghha dwar il-promozzjoni mhux sostenibbli izda jibqa' l-fatt li ghal

numru ta’ snin ir-rikorrenti ghamlet xoghol superjuri ghal grad taghha.

Fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciz a fl-20 ta’ Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:

“Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita’ jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero’ irid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz.”

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta’ Novembru 2000 it-Tribunal qal:

“Impjegat li ghal zmien twil [f'dan il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih id-dritt ghall-promozzjoni.”

Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta’ Dicembru, 2000.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghalkemm ir-rikorrenti bhala tali ma kelliex dritt ghall-promozzjoni kif sostniet, sofriet pero` ingustizzja f’ illi hi ghal numru ta’ snin ghamlet ix-xoghol ta’ Library Attandant izda fil-fatt qatt ma giet moghtija dik il-promozzjoni. Ghalhekk hawnhekk it-Tribunal isib li saret ingustizzja mar-rikorrenti u minhabba dan il-fattur it-Tribunal hu tal-fehma li r-rikorrenti ghandha tinghata kumpens ta’ elfejn lira (Lm2000).

Peress illi ghalhekk it-Tribunal isib l-ilment gustifikat u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna r-rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elfejn lira (Lm2000).

Spejjez kontra d-Direttur tal-Libreriji Pubblici u Arkivji hlief dawk relattivi ghad-Direttur ta’ l-Edukazzjoni li huma a karigu tar-rikorrenti.